Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1940

12.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1940

tal-11 ta' Lulju 2024

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1040 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1040 ([2]), il-Kummissjoni imponiet dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-polietilentereftalat ("PET"), b'numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew ogħla, skont l-Istandard ISO 1628-5, imkejjel skont is-solvent fenol/1,2-diklorobenżen (50/50) jew ikkonvertit għalih, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 3907 61 00 (kodiċi TARIC 3907 61 00 10) u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

(2) Kif stabbilit fil-premessi (24) sa (27) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1040, in-numru ta' viskożità tal-PET jitkejjel fuq soluzzjoni ta' PET f'ċertu solvent u li għal raġunijiet ta' ċarezza, applikazzjoni uniformi mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, u ta' konsistenza mal-istandard DIN 53728 applikabbli qabel, li ġie sostitwit bl-ISO 1628-5, il-viskożità tal-PET jenħtieġ li titkejjel fis-solvent fenol/1,2-diklorobenżen (50/50) jew tiġi kkonvertita għalih.

(3) Madankollu, l-ambitu tal-investigazzjoni kopra kwalunkwe PET li għandu numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew ogħla. Dan ifisser li anki jekk il-viskożità tal-prodott titkejjel skont (taħlita ta') solventi oħra, jew tiġi kkonvertita għalihom, huwa dovut dazju anti-dumping meta n-numru ta' viskożità jkun 78 ml/g jew ogħla.

(4) Dan ifisser li r-referenza għall-mod ta' kejl tan-numru ta' viskożità skont is-solvent fenol/1,2-diklorobenżen (50/50), jew ikkonvertita għalih, jenħtieġ li titneħħa mid-definizzjoni tal-prodott fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1040.

(5) Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkoreġi l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1040 skont dan.

(6) Din ir-rettifika sseħħ mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1040, jiġifieri t-3 ta' April 2024.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat, stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1040 huwa kkoreġut kif ġej:

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1040 tas-27 ta' Marzu 2024 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2024/1040, 2.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1040/oj).

"1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet tal-polietilentereftalat ("PET") li għandu numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew aktar, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3907 61 00 u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-3 ta' April 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN